MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 300/2008

Dr. Peter Borg Costanzi bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera AXA Corporate Solutions S.A. Rapprezentanza Generale per l'Italja, Via della Moscova 18-20121 Milano u din kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Fantoni S.p.a. ta' l-Italja bhala cessjonarja ta' James Camilleri & Son Limited
vs
M.V. Frau Nancy, registrata North Korea, gross tonnage 1887, net tonnage 1132, International call sign HMZK-2

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' Dr. Peter Borg Costanzi nomine li bih espona:

1. Illi l-kumpanija James Camilleri & Son Limited importat mill-Italja ghal Malta konsenja ta' ***fibre board*** (Dokument B) u dan giet trasportata mill-valur M.V. FRAU

NANCY, l-intimat, a bazi ta' polza ta' karigu numru 2 fl-14 ta' Marzu 2007 fejn hemm indikat li l-***port of loading*** huwa Porto Nogaro u ***port of discharge*** huwa Valletta, Malta (Dokument A).

2. Illi meta l-merkanzija tghabbiet fuq il-vapur, din ma kellha l-ebda hsara jew nuqqasijiet billi ma kien hemm l-ebda rimarki negattivi fuq l-imsemmija polza ta' karigu.

3. Illi meta l-merkanzija waslet Malta fit-28 ta' Marzu 2007 instab li kien hemm merkanzija nieqsa u merkanzija ohra li kienet severament danneggjata u dan kif jirrizulta mis-***Survey Report*** rilaxxat minn Lloyds Agency Malta li giet debitament hekk inkarigata tramite s-socjeta` O.F. Gollcher & Sons Limited. (Dokument C).

4. Illi ghalhekk, stante li l-imsemmija hsarat u nuqqasijiet sehhew waqt li l-merkanzija kienet mghobbija fuq il-vapur intimat, l-istess huwa responsabbili ghad-danni.

5. Illi d-danni sofferti minn James Camilleri & Son Limited ammontaw ghal €140,234 li huma ekwivalenti ghal Lm60,202.46c u permezz ta' skrittura tat-30 ta' Mejju 2007. James Camilleri & Son Limited assenjat lil Fantoni S.p.a. tal-Italja l-***claim*** ossija d-drittijiet kollha taghha ghad-danni/nuqqasijiet subiti naxxenti mill-imsemmi vjagg (Dokument D).

6. Illi s-socjeta` Fantoni S.p.a. kienet assigurata mas-socjeta` rikorrenti u fil-11 ta' Gunju 2007 l-istess socjeta` rikorrenti hallset lil Fantoni S.p.a. s-somma fuq imsemmija ta' €140,234 u b'hekk saret id-debita ricevuta u s-surroga skond il-ligi (Dokument E).

Ir-rikorrenti talab lill-Qorti:-

1. Tiddikjara lill-intimat responsabbli ghall-hasrat u nuqqasijiet fil-konsenja ta' merkanzija fuq imsemmija li sehhew waqt il-vjagg ta' l-istess Porto Rogero, Italja ghal Valletta, Malta;

2. Tillikwida d-danni sofferti u dan jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat.

4. Tikkundanna lill-intimat ihallas l-interessi legali fuq l-ammont likwidat b'effett mill-11 ta' Gunju 2007 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' mandat ta' impediment tal-bastiment u mandat ta' qbid li gew prezentati kontestwalment kontra l-intimat li gie ngunt ghas-subizjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tar-rikorrenti.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat li l-intimat debitament notifikat skond il-ligi ma pprezentax risposta guramentata u ghalhekk baqa' kontumaci.

Xehed Dr. Peter Borg Costanzi li kkonferma r-rikors guramentat kif ukoll li miz-zmien li giet istitwita l-kawza ma kien hemm ebda zviluppi u l-ammont kollu ghadu dovut.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq kontumacja, it-talbiet rikorrenti jidhru gustifikati u filwaqt li tilqaghhom il-Qorti tiddikjara lill-intimat responsabbli ghall-hasrat u nuqqasijiet fil-konsenja ta' merkanzija fuq imsemmija li sehhew waqt il-vjagg ta' l-istess Porto Rogero, Italja ghal Valletta, Malta;

Tillikwida d-danni sofferti fl-ammont ta' €140,234.

Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti nomine l-ammont ta' €140,234.

Tikkundanna lill-intimat ihallas l-interessi legali fuq l-ammont likwidat b'effett mil-lum sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------